**7 ta' Diċembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Angelo Pace

**Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Leġittimi Kontraditturi**

*Din il-kawża oriġinat minn rikors ta' ċertu Joseph Scicluna fil-Qorti tal-Kummerċ li fih huwa espona li hu kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Angelo Pace biex dan ma jissokktax jagħmel użu minn mutur/konġelatur. Nonostante dan, billi l-istess Pace baqa' jagħmel l-użu inibit, talab lil dik il-Qorti jogħġobha tordna li jittieħdu l-passi kollha opportuni kontra l-intimat għad-disprezz lejn l-awtorità tagħha. Hekk għamlet dik il-Qorti, bir-riżultat li*

*l-avukat ta' Angelo Pace ssottometta li l-proċedura li kienet qed tintuża kontra Angelo Pace kienet tivvjola l-prinċipji ta' smigħ xieraq u senjatament il-prinċipju ta' nemo judex in causa propria kontra dak li hemm fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja. Għalhekk a tenur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni talab lil dik il-Qorti biex tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dik il-Qorti laqgħet din it-talba u għamlet l-opportuna riferenza tal-kwistjoni lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u ordnat n-notifika tiegħu lill-Onorevoli Prim Ministru u appuntatu għas-smigħ tal-kawża.*

*Suċċintement, il-punti saljenti tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienu:*

*a) aġir li jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti ma jistax jiġi kkunsidrat li jirrigwarda "a civil right or obligation", però, it-talba għall-kundanna ta' individwu minħabba li ddisprezza 'l-Qorti għandha tiġi kkunsidrata bħala "criminal charge" u għalhekk il-proċeduri kontra Angelo Pace għandhom jiġu kkunsidrati bħala "criminal charge";*

*b) fil-proċeduri m'għandniex xi kawża li hija ta' l-Imħallef jew tal-Qorti, għalkemm l-okkju jidher bħala "Il-Qorti vs Angelo Pace" u għalhekk ma hemm l-ebda causa propria;*

*ċ) Pace ilmenta kontra l-fatt li tressaq quddiem l-istess Qorti li tat l-ordni li huwa allegatament kiser; però dan mhux korrett għaliex il-Qorti ma daħlitx iżjed fuq il-vertenza li tat lok għall-ħruġ tal-mandati; rat biss dak li allegatament ġara wara – jekk huwiex veru li Pace naqas li jobdi ordni speċifika tal-Qorti, allura dik il-Qorti setgħet tikkundannah – avolja l-ordni kienet ħarġitha hi stess fi stadju prċedenti;*

*d) il-prinċipju nemo judex in causa propria jrid jassigura li ebda ġudikant ma jkollu interess fl-eżitu tad-deċiżjoni li jkun sejjer jagħti, u dan, ovvjament, għaliex inkella jkun imħajjar jiddeċiedi*

*l-punt b'mod li jiġi aġevolat dan l-istess interess tiegħu; huwa veru ukoll li bosta drabi jkun diffiċli li tiddefinixxi dan l-interess u fid-dispożizzjonijiet dwar id-disprezz tal-Qrati hemm każi fejn jista' jkun hemm diffikultà partikolari dwar l-interpretazzjoni ta' interess simili. Però fil-proċeduri istess perit ġudizzjarju m'huwiex ġudiant;*

e) *il-prassi segwita mill-Qrati hija tali li l-periti mqabbdin waqt l-inkjesta jerġa' jingħatalhom l-inkarigu waqt il-kumpilazzjoni u b'hekk huma jkunu soġġetti għall-eżami u l-kontro-eżami;*

f) *b'riferenza għall-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati – waqt li huwa sewwa li jingħad li l-ebda wieħed mill-Ministri ċitati ma huwa leġittimu kontradittur f'kawża li tirrigwarda l-kostituzzjonalità ta' xi parti mill-proċeduri quddiem il-Qorti u għaldaqstant huma għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju – il-Kummissarju tal-Pulizija huwa parti fl-istess proċeduri u għalhekk huwa hu l-leġittimu kontradittur tar-rikorrent.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat li f'kawżi ta' natura kostituzzjonali msejsa fuq id-drittijiet fundamentali l-leġittimi kontradittur ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament responsabbli għalih, ċjoè għall-kommissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi; fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kommissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex ifornu r-rimedji li s-sentenza li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona; fit-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq proċedura ġudizzjarja.*

*A bażi ta' dan il-Qorti fil-waqt li tirriforma s-sentenza appellata nkwantu din aċċettat li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern m'humiex il-leġittimi kontradditturi tar-rikorrent u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju mentri invece dawn huma l-leġittimi kontradditturi tal-vertenza flimkien mal-*

*Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk tiċħad l-appell inċidentali ta' l-intimati – tikkonfermaha għall-bqija fil-meritu li t-talbiet attriċi għandhom jinċaħdu minħabba li r-rikorrent kellu mezzi ta' rimedju imma ma adoperahomx rigward in-nominazzjoni tal-perit legali.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Din il-kawża oriġinat minn rikors ta' ċertu Joseph Scicluna fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li fih huwa espona illi huwa kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Angelo Pace biex dan ma jkomplix jagħmel użu minn mutur/konġelatur (*Freezer*) u nonostante dan, billi l-istess Pace baqa' jagħmel l-użu inibit, talab illi dik l-Onorabbli Qorti "jogħġobha tordna li jittieħdu l-passi kollha opportuni kontra l-intimat għad-disprezz lejn l-awtorità tagħha";

Dik l-Onorabbli Qorti ħarġet iċ-ċitazzjoni numru 1143/89 kontra Angelo Pace biex jidher quddiemha fit-30 ta' Ottubru, 1989 u jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat bħala ħati ta' disprezz għall-awtorità ta' dik il-Qorti għall-finijiet preskritti mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 12) rigwardanti r-rispett dovut lejn il-Qorti u s-sanzjonijiet hemm komminati għall-ħtija ta' disprezz lejn l-istess awtorità tagħha u dan minkejja mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet "Joseph Scicluna vs Angelo Pace", huma xorta baqa' għaddej bl-użu regolari ta' mutur/*freezer* tiegħu u qed jikkrea inkonvenjent insopportabbli lill-istess Joseph Scicluna u l-familja tiegħu;

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 1990, l-avukat ta' Angelo Pace issottometta illi l-proċedura li kienet qed tiġi wżata kontra Angelo Pace kienet tivvjola l-prinċipji ta' *"fair trial"* u senjatament il-

prinċipju ta' *"nemo judex in causa propria"* kontra dak li hemm fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk għattenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni talab lil dik il-Qorti, biex tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Fis-17 ta' Jannar, 1990, dik l-Onorabbli Qorti laqgħet din it-talba u għamlet l-opportuna riferenza tal-kwistjoni lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Fis-16 ta' lulju, 1990 - din l-Onorabbli Qorti ħarġet din l-ordinanza:

"Rat id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' Jannar, 1990 u li nġieb a konjizzjoni tagħha, illum 16 ta' Lulju, 1990;

Tordna n-notifika tiegħu lill-Onorabbli Prim Ministru;

Tappuntah għas-smiegħ għas-seduta tal-25 ta' Lulju, 1990 fid-9.00 a.m. prevja d-debiti notifiki."

Fil-25 ta' Lulju, 1990, l-Onorevoli Prim Ministru rrisponda illi:

(a) il-kwistjoni hija frivola u vessatorja. La l-Qorti tal-Kummerċ u lanqas l-Imħallef fiha sedenti m'għandhomx xi interess personali fil-kwistjonijiet **bejn il-partijiet** u l-Qorti għadha ma ddeċidietx fuq il-meritu tal-każ. Oltre dan, m'għandha l-ebda interess li ssib għal naħa jew għal oħra u għalhekk il-prinċipji ta' *"fair trial"* u ta' *"nemo judex in causa propria"* mhux qed jiġu vjolati;

(b) biex japplikaw il-prinċipji ta' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni jew 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jeħtieġ li jkun hemm *"criminal charge"* u *"a civil right and obligation"*. Fil-każ ta' disprezz tal-Qorti – la hemm *"criminal charge"* u lanqas *"civil right and obligation"* u għalhekk ma jistax jingħad li każi ta' disprezz tal-Qorti b'xi mod jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni jew 6 tal-Konvenzjoni;

(ċ) l-artikoli 34(1)(ċ) tal-Kostituzzjoni u 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdu li wieħed jista' saħansitra jitlef il-libertà personali tiegħu jekk wieħed ma jobdix ordni tal-Qorti. Dawn huma normi ta' l-istess forza għax jinsabu fl-istess kapitolu tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-Ewwel Taqsima tal-Konvenzjoni. Dan juri biċ-ċar li min kiteb il-Kostituzzjoni u min iddraftja l-Konvenzjoni Ewropeja kellu f'moħħu li jżomm sħiħ id-dritt tal-Qorti li tindaga kull allegazzjoni ta' disprezz ta' ordni tagħha;

L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fl-14 ta' Settembru, 1990, u suċċintement il-punti saljenti hemm stabbiliti, huma dawn:

(a) aġir li jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti ma jistax jiġi kkonsidrat li jirrigwarda *"a civil right or obligation"*, però **it-talba għall-kundanna ta' individwu** minħabba li ddisprezza l-Qorti **għandha tiġi kkonsiderata bħala *"criminal charge"*** *u għalhekk il-proċeduri kontra Angelo Pace għandhom jiġu kkonsiderati bħala "criminal charge";*

(b) fil-proċeduri "ma għandniex xi kawża li hija ta' l-Imħallef jew tal-Qorti, għalkemm l-okkju jidher

"Il-Qorti vs Angelo Pace" u għalhekk ma hemmx ebda *"causa propria"*;

(ċ) Pace qed jilmenta kontra l-fatt li ġie mressaq quddiem l-istess Qorti li tat l-ordni li huwa allegatament kiser; però dan mhux korrett għaliex il-Qorti mhix se tidħol iżjed fuq il-vertenza li tat lok għall-ħruġ tal-mandat; sejra tara biss dak li allegatament ġara wara – jekk huwiex veru li Pace naqas li jobdi ordni speċifika tal-Qorti, allura dik il-Qorti tista' tikkundannah – allavolja l-ordni kienet ħarġitha hi stess fi stadju preċedenti;

(d) Il-prinċipju *"nemo judex in causa propria"* jrid jassigura li ebda ġudikant ma jkollu interess fl-eżitu tad-deċiżjoni li jkun sejjer jagħti, u dan ovvjament għaliex inkella jkun imħajjar li jiddeċiedi l-punt b'mod li jiġi aġevolat dan l-istess interess tiegħu; huwa veru ukoll li bosta drabi jkun diffiċli li tiddefinixxi dan l-interess u fid-dispożizzjonijiet dwar id-disprezz tal-Qrati hemm każi fejn jista' jkun hemm diffikoltà partikolari dwar l-interpretazzjoni ta' interess simili. Però fil-proċeduri odjerni, ċertament ma teżistix din id-diffikoltà;

Fuq dawn il-punti, l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet illi l-proċeduri permezz ta' ċitazzjoni li ttieħdu kontra Angelo Pace ma jivvjolawx il-prinċipju *"nemo judex in causa propria"* u ma hemmx nuqqas ta' *"fair trial"* skond kif ipprovdut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, – bl-ispejjeż kontra Angelo Pace;

Dan l-appell, quddiem din il-Qorti, minn Angelo Pace, huwa bbażat fuq dawn l-aggravji:

(a) L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tapprezza sew il-

mekkaniżmu proċedurali involut f'kawża ta' disprezz – Il-Qorti tal-Kummerċ, bħala persuna ġuridika, tat ordni; saret allegazzjoni li din l-ordni mhix qed tiġi segwita; il-prosekuzzjoni ex officio, saret mill-istess persuna ġuridika li tat l-ordni u l-istess persuna ġuridika (Il-Qorti tal-Kummerċ) qed tiġi mistiedna tiddeċidi fuq kawża li għaliha hija stess hija l-**parti**, anzi, l-attur u l-promotur ta' l-azzjoni, bħala l-parti allegatament leża; l-ewwel Onorabbli Qorti injorat għal kollox il-fatt li fil-proċeduri l-Qorti tal-Kummerċ kienet kemm parti kemm ukoll ġudikant;

(b) l-ewwel Onorabbli Qorti kkonfondiet ukoll il-persuna fiżika ta' l-Onorevoli Imħallef sedenti ma' dik tal-persuna ġuridika tal-Qorti. L-Imħallef sedenti żgur li ma kienx il-persuna li ppromuova l-azzjoni u lanqas dak li ddeċieda l-mandat. Imma l-Qorti tal-Kummerċ kienet. Il-kawża hija tal-Qorti tal-Kummerċ għaliex hija ħarġet f'isimha ċ-ċitazzjoni kontra l-appellanti; hija l-persuna li qed tippromuovi l-kawża ta' disprezz. L-appellant mhux qed jgħid li m'għandux ikun hemm rimedju għall-ksur ta' l-ordni tal-Qorti – imma l-proċeduri preżenti mhux il-mod kif dan għandu jsir;

Għal dan irrispondew l-Onorevoli Prim Ministru u l-Aġent Reġistratur tal-Qrati:

(a) fuq dan ta' l-aħħar jingħad illi huwa ġie notifikat bir-rikors ta' l-Appell u li huwa "m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u li fl-ewwel istanza ma kienx parti fil-kawża";

(b) Li l-Qorti **mhix** il-parti lesa u lanqas għandha interess dirett fid-differenzi ta' bejn il-partijiet privati. Il-kelma "Il-Qorti" fl-"*occhio*" ta' kawżi ta' disprezz tidher hemm għall-

konvenjenza biex;

(ċ) li l-proċeduri preżenti ma jistgħux jitqiesu bħala *kriminali; u li jekk jitqiesu ċivili allura wieħed irid jara jekk* jaqgħux fil-frażi *"civil right and obligation";*

It-triq li twassal għas-soluzzjoni tal-problematika ta' din il-kawża, hija dik li tinfetaħ bid-domanda – teżistix fl-ordinament ġuridiku kontenżjuż Malti, xi kwalità ta' kawża li fiha m'hemmx mill-anqas żewġ partijiet – anzi l-parti u l-kontroparti?; *Il*-kwalifika "kontenzjuż" hija biżżejjed biex turi li d-domanda hija inutli jew superfluwa, għaliex ir-risposta trid bilfors tkun negattiv;

Issa fil-kawża li bdiet biċ-ċitazzjoni numru 1143 tal-1989 quddiem l-Onorevoli Qorti tal-Kummerċ kontra Angelo Pace, konvenut, min huwa l-kontroparti tiegħu?; min huwa l-attur? Il-lament ta' Angelo Pace huwa proprju dan – li l-kontroparti tiegħu hija "Il-Qorti" kif jidher mill-atti kollha tal-kawża, u l-Qorti, billi hija l-Qorti, ma tistax tkun **il-parti** la f'din il-kawża u lanqas f'ebda kawża oħra. Huwa kontro sens li l-Qorti, jew *xi Qorti tkun parti f'kawża quddiem il-Qorti, jew xi* Qorti. Dan huwa l-lament kostituzzjonali ta' Angelo Pace;

L-intimati dan il-punt kardinali tal-kwistjoni kollha, ma fehmuhx – kif jidher min-nota ta' riferenzi li ppreżentaw fl-atti fis-27 ta' Lulju, 1990, billi dawk jittrattaw fuq punti diversi minn dawk li huma in kawża, b'mod sussidjarju u mhux prinċipali; bħal ma huma, per eżempju, jekk il-proċedura kontra Angelo Pace hijiex ta' natura kriminali jew ċivili; jekk l-Imħallef sedenti fil-Qorti tal-Kummerċ kellux interess personali fil-proċedura, u simili;

Għall-preċiżjoni u simplifikazzjoni tal-kwistjoni difatti – id-domandi li jirrikjedu risposta huma dawn – (1) Jekk fil-kontenzjuż iridx ikun hemm neċessarjament parti u kontroparti; (2) Jekk il-Qorti bħala tali tistax qatt tkun **parti** jew **kontroparti** f'xi kawża; (3) Jekk il-Qorti hix il-parti fil-kawża kontra Angelo Pace; (4) Jekk hija l-parti, din il-pożizzjoni hix essenzjalment anti-kostituzzjonali, inkwantu kull Qorti – tkun xi tkun in-natura tal-proċedura – kriminali jew ċivili – trid bilfors tkun il-Qorti indipendenti u imparzjali li jsemmu l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u perforza, qatt ma tista' tkun **parti** f'dawk il-proċeduri. (5) Jekk il-Qorti **mhix il-parti** fiċ-ċitazzjoni numru 1143 tal-1989, kontra Angelo Pace, allura min hija l-kontroparti tiegħu f'dik il-kawża?

Qabel ma jiġu eżaminati dawn il-ħames kwesiti, huwa xieraq li jiġi spjegat l-isfond storiku ta' l-azzjoni tad-"disprezz għall-awtorità tal-Qorti". – kif inhi magħrufa, dik li issa qed tiġi sindakata;

It-titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jittratta fuq "ir-Rispett li għandu jinġieb lill-Qorti", li jikkonsisti f'sittax-il artikolu li jittrattaw fuq żewġ kwalitajiet ta' misfatti u l-pieni relattivi;

Għalkemm qed jingħad li huwa misfatti, din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet is-sentenza appellata, li dawn huma fil-fatt reati u dan għaliex hekk huma min-natura tagħhom kif deskritti fil-Kodiċi, liema Kodiċi jiddixxiplinahom b'pieni li huma provvduti fil-Kodiċi Kriminali li għalih issir, fl-istess artikoli, riferenza kostanti;

Dawn huma reati li jmorru kontra l-awtorità li għandha bżonn kull Qorti biex tiffunzjona kif hemm bżonn, u effikaċement, u nkwantu tali, huma għalhekk reati kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja;

Ir-reati jinqasmu fi tnejn. Dawk li meta jiġu kommessi jinċidu direttament fuq il-proċedura li tkun miexja biha l-Qorti fit-trattazzjoni tal-kawżi, u dawk li jiġru waqt proċeduri li jemanaw mill-Qorti imma jkunu qegħdin jitmexxew minn ħaddieħor – bħal ma huma periti ġudizzjarji jew uffiċjali tal-Qorti – inklużi avukati, marixxalli, purtiera, messaġġiera u simili;

Il-liġi tipprovdi biex dawk ta' l-ewwel grupp ta' reati, jiġu ripressi u dixxiplinati "seduta stante" billi dan huwa neċessarju biex il-proċeduri jkunu jistgħu jkomplu jieħdu l-kors normali tagħhom, billi dawn ikunu ġew imfixkla jew interrotti b'xi mod bir-reati; ħlief meta r-reat jieħu l-forma aktar gravi ta' delitt meta allura l-Qorti għandha tirrediġi l-opportun proċess verbal tal-fatt, tarresta l-imputat u tibagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Għar-reati tat-tieni grupp – f'xi żmien wara li ġie pproklamat il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fl-1855, daħlet il-prassi illi l-uffiċjal li jkun sofra r-reat jew il-parti li tkun otteniet xi ordni tal-Qorti speċjalment għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jagħmlu rikors lill-Qorti fejn jiddenunzjaw l-allegat reat u l-**Qorti, bdiet toħroġ ċitazzjoni f'isimha, kontra l-persuna li allegatament ikkomettiet l-infrazzjoni**, u takkużaha bil-fatt; li l-fatt jikkostitwixxi disprezz għall-awtorità tagħha, u li jekk dan jirriżulta, tgħaddi biex tikkundannah u tinfliġġi xi waħda

mill-pieni, ikkontemplati fil-kodiċi;

Din l-aħħar proċedura permezz ta' ċitazzjoni ġiet adottata, fis-seklu l-ieħor billi ġiet interpretata b'mod żbaljat frażi li tinstab fl-artikolu 998 tal-Kap. 12:

"Meta, fil-każijiet imsemmija f'dan it-Titolu, l-akkużat, **imħarrek bl-ordni ta' l-imħallef jew maġistrat,** ma jidhirx, l-istess imħallef jew maġistrat jista' jġiegħlu jidher biex jinġieb għall-akkuża, bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest";

Il-frażi sottolineata ġiet interpretata li tfisser li **l-Qorti stess għandha toħroġ l-akkuża**, mingħajr ma ġie realizzat (1) illi kwalsiasi ċitazzjoni, kwalunkwe avviż tal-qrati inferjuri, huma u jikkontjienu taħrika li toħroġ bl-ordni tal-Qorti liema atti jordnaw lill-konvenut biex jidher u jirrispondi għal kull ma l-**parti l-oħra** tippretendi u tallega, f'dawk l-atti u (2) li l-proċedura adottata kienet tpoġġi l-Qorti fil-pożizzjoni ġuridikament kontradittorja li tkun il-parti akkusatriċi f'proċeduri quddiemha stess;

Issa għall-ħames kweżiti msemmija fil-paragrafu II, supra, huwa diffiċli li jkun hemm risposti alternattivi, għal dawn li ġejjini:

1) ma jidhirx li huwa possibbli li fi proċedura kontenzjuża quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal, ma jkunx hemm żewġ partijiet – l-attur u l-konvenut, il-prosekuzzjoni u d-difiża. Fl-istruttura ġuridika mhux possibbli li jkollok *"kontesa"* mingħajr ma jkollok min jipproponi u minn jikkontesta;

2) Ma jidhirx li huwa ġuridikament possibbli li l-Qorti jew Tribunal li quddiemhom u fihom se ssir il-kontestazzjoni – li dik il-Qorti jew dak it-Tribunal ikun ukoll wieħed mill-partijiet in kawża. Din hi l-proposizzjoni li daqs kemm hija ċara daqstant ieħor sfuġġiet l-iskrutinju u l-attenzjoni ta' tant ġuristi sempliċement għaliex il-prattika kostanti w uniformi eradikata ruħha b'mod li l-malaprassi ttieħdet bħala xi ħaġa li għaliex hija konformi ma' **l-ittra** tal-artikolu allura l-ispirtu ġenerali tal-ġustizzja jista' jibqa' jiġi njorat, għaliex hemm il-liġi;

3) Ma jistax jiġi nnegat li l-Qorti hija l-parti fil-kawża kontra Angelo Pace. Is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tgħid li fil-proċeduri m'għandniex xi kawża li hija ta' l-imħallef jew tal-Qorti, għalkemm l-okkju jidher "Il-Qorti vs Angelo Pace"....;

Osservazzjoni simili għamlu l-intimati fir-risposta tagħhom għall-Appell – li l-Qorti mhix il-parti lesa u lanqas għandha interess dirett fid-differenzi ta' bejn il-partijiet privati. Il-kelma "Il-Qorti" fl-*occhio* ta' kawżi ta' disprezz tidher hemm għall-konvenjenza;

Issa din ta' l-"*occhio*" fil-kawża – billi hija biżżejjed rivelatriċi, **ta' min huma l-partijiet in kawża** – naturalment, ma tistax tisparixxi b'dawn il-kummenti kemm tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti – li lanqas tittanta spjegazzjoni wara li tgħid "għalkemm", wisq anqas mill-intimati billi jgħidu li din ta' l-*occhio* hija mera "konvenjenza". Konvenjenza ta' x'hiex? Konvenjenza għalfejn? Għal min?

Il-verità hija li l-*occhio* juri jew għandu juri – min huma

l-partijiet tal-kontroversja u hekk difatti jiġi kostantament ritenut **f'kull kawża,** b'konsegwenzi, anki gravi, meta l-*occhio* ma jindikax min huma verament il-partijiet in kawża;

Fuq dan il-punt huwa rivelatorju dak li ġara f'din il-proċedura stess inkwantu r-riferenza kostituzzjonali li għamlet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ serviet biex tiskopri b'mod prattiku dan li qed jingħad:

(i) Meta l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rċeviet ir-riferenza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, irrealizzat illi billi l-kontroparti ta' Angelo Pace, fil-proċedura, kienet "Il-Qorti" u issa "Il-Qorti" ma kienx aktar possibbli li tikkuntrasta l-proċeduri quddiem **Qorti** oħra – biex **issa** jkun hemm il-kontradittur neċessarju għal kull kawża – ordnat li d-digriet ta' riferenza tal-Kummerċ jiġi notifikat lill-Onorevoli Prim Ministru!

(ii) Bis-saħħa ta' dik in-notifika – allura l-Prim Ministru rrisponda – u minn dak il-mument 'il quddiem, **matul il-proċedura kollha,** deher l-Avukat tar-Repubblika biex jiddefendi l-kawża – f'isem il-Prim Ministru **li ma kienx parti** fil-kawża li minnha kienet qed issir ir-riferenza – liema riferenza meta ssir – fil-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – **neċessarjament** irid ikollha l-istess partijiet tal-kawża li minnha saret ir-riferenza;

(iii) meta Angelo Pace ġie biex jappella mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti – billi l-istess Prim Ministru, għalkemm irrisponda – xorta waħda baqa' "barra" mill-kawża – anki għall-istess Qorti li kienet ordnat li għandu jiġi

"nnotifikat" bir-riferenza – Angelo Pace ma kellux lil min jinnotifika bir-rikors ta' l-Appell, għaliex ma hemmx mezz li tinnotifika l-Qorti – l-unika parti fil-kawża – u għalhekk innotifika lill-Aġent Reġistratur;

(iv) **"Ir-risposta"** għal dan ir-rikors ta' l-appell saret mill-Onorabbli Prim Ministru – li mhumiex parti fil-kawża – u mill-Aġent Reġistratur tal-Qorti u dana jgħid:

"illi l-Onorevoli Prim Ministru jagħti ruħhu b'notifikat bir-rikors ta' l-appell minkejja li ġie notifikat biss l-Aġent Reġistratur tal-Qorti, li m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qorti u li fl-ewwel istanza ma kienx parti f'din il-kawża";

Dan kollu huwa proċeduralment bla sens, jew aħjar fih sens u kontro sens, proċedurali, fl-istess paragrafu – għaliex huwa veru li l-Aġent Reġistratur ma kienx parti fl-ewwel istanza imma daqstant ieħor ma kienx parti l-Onorabbli Prim Ministru nkwantu "notifika" ta' att Ġudizzjarja ma jirrendix 'il-persuna nnotifikata **parti** fil-kawża;

Dan kollu jiddemostra l-verità sempliċi li l-proċedura inizjata mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ – kienet vizzjata inkwantu pproponiet il-Qorti bħala l-parti fil-kawża u dak il-fatt proċeduralment tant huwa skorrett illi fil-proċeduri sussegwenti tar-riferenza kostituzzjonali – ma kienx hemm mod kif – dik il-parti in kawża – (Il-Qorti) tibqa' tieħu parti, quddiem Qorti oħra, u kellhom jiġu inventati l-ombri ta' kontradditturi li mhux possibbli li jiġu leġittimati;

Meta tiġi adottata l-proċedura li qed tiġi infiċjata, minħabba

l-inkongruwenza proċedurali, il-Qorti **tikkonduċi l-prosekuzzjoni** kontra l-akkużat, **tħarrek** ix-xhieda u **teżaminahom.** Dan kollu jillustra li l-Qorti neċessarjament taġixxi bħal kwalsiasi parti persekutanti u mbagħad, fil-final issir il-ġudikant fuq dak li hija tkun ippersegwitat. Ma jidhirx li hemm bżonn li jiġi enfasizzat illi dan kollu ma jippremettix li jiġi kkontemplat li b'xi mod it-trattazzjoni ta' kawża, b'dan il-mod tista', tikkwalifika bħala proċedura imparzjali u indipendenti;

Appena huwa neċessarju li jingħad – finalment illi billi l-imħallef-prosekutur ma jkollu ebda xjenza preċiża ta' dak li huwa jkun allega fiċ-ċitazzjoni billi din tkun konfezzjonata fuq dak li jkun jikkontjeni r-rikors tal-parti li tkun iddenunċjat il-misfatt, il-proċedura hija – anki minn dan il-*punto di vista* insodisfaċenti u xejn ma hija konformi ma' dak li għandha tkun waħda li hija ntiża biex tirreprimi disprezz għall-awtorità tal-Qorti;

Għalhekk il-pożizzjoni ma hijiex aċċettabbli mill-ebda *punto di vista*. Il-proċedura li tidher li hija kostituzzjonalment korretta u legalment konformi anki ma' dak li hemm fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u prattikament effikaċi għall-iskop li jiġu mħarsa l-ordnijiet tal-Qorti, fl-interess ta' xi wieħed mill-partijiet in kawża – hija, li **l-akkuża kontra min ikun ikkommetta xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 998 Kap. 12 kif inhuwa l-każ ta' Angelo Pace – tinħareġ permezz ta' ċitazzjoni li tiġi kkonfezzjonata mill-parti interessata – perit ġudizzjarju, avukat jew il-parti li tkun ottjeniet il-ħruġ tal-mandat jew li favur tagħha saret xi ordni oħra, u fil-każ ta' uffiċjali tal-Qorti, mir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati u jkun u dawn il-partijiet li jikkonduċu l-proċedura quddiem il-**

**Qorti, kontra l-akkużat, u l-Qorti, fuq ir-riżultanzi tal-proċess bejn dawk il-partijiet, tiġġudika skond il-ħaqq – ara l-kawżi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet l-Aġent Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Joseph Carbonaro''**, ta' l-4 ta' Novembru, 1988, u Dr. Eric Mamo vs Anthony Bezzina ta' l-1 ta' Marzu, 1990;

Trid issir osservazzjoni finali importanti: Mid-digriet ta' riferenza sas-sentenza ta' l-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma jidher li sar ebda intervent miktub minn Angelo Pace. Ma jirriżultax infatti illi l-punt preċiż tal-vertenza kif ġie preċiżat fl-aggravju tar-rikors ta' l-appell, ġie suffiċjentement ventilat. Din l-ommissjoni induċiet l-ewwel Onorabbli Qorti li toqgħod fuq il-ġeneralità tal-problematika kif dedotta fid-digriet ta' riferenza, u allura l-ewwel sentenza – ħlief bil-mod sfuġġevoli hawn fuq imsemmi, – ma indirizzatx l-attenzjoni tagħha għall-problema prinċipali, u ttrattat fuq punti marġinali għall-kwistjoni;

Għall-preċiżjoni proċedurali għandu jingħad illi l-atti ġudizzjarji kollha li hemm fil-kawża li ġew ippreżentati mill-Avukat Dottor Lawrence Quintano huma kollha kemm huma **irriti u nulli** inkwantu ġew ippreżentati minn persuni li fl-**ebda mument ma daħlu fil-kawża,** li m'humiex partijiet fil-kawża; li m'għandhomx għalhekk *locus standi di judicio,* u se jibqgħu fil-proċess sempliċement biex jillustraw ċerti aspetti ta' fatti li ntużaw f'din is-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u takkolji l-appell ta' Angelo Pace u tiddikjara li proċediment biċ-ċitazzjoni numru 1143/89 fl-Onorabbli Qorti

tal-Kummerċ fl-ismijiet – Il-Qorti vs Angelo Pace jilledu d-drittijiet fundamentali sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – Att XIV ta' l-1987 – u għalhekk dak il-proċediment huwa null u ineffettiv u għandu jiġi kkanċellat;

Huwa sintomatiku u abbastanza illustrattiv ta' din il-vertenza kollha, illi l-ispejjeż tagħha jrid, b'neċessità proċedurali jbatihom Angelo Pace, għaliex ebda Qorti ma tista' tbati spejjeż – naturalment, esklużi dawk ikkawżati b'xi mod mill-interventi illegali li saru fil-kawża minn persuni li mhumiex u qatt ma kienu partijiet fiha.